TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

12

Avviż Numru CCT 49/13-F

**Jenny Barberi**

**vs**

**Tonio Sant eżerċenti fil-kummerċ bħala Sar Fires**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300), rappreżentanti prezz ta' *fireplace* li kien inxtara fis-sena 2002 u li dan l-aħħar tant għandu ħsara li ma jistax jissewwa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *fireplace* fis-sena 2002 u minkejja li kienu jieħdu ħsiebu u jagħmlu l-*maintenance*, għaxar snin wara l-kaxxa tal-fondut inqasmet f'biċċiet.

L-intimat issottometta illi l-garanzija għaddiet wara ħames snin u l-ħsara saret forsi minħabba li l-ilma seta' jnixxi minn ġol-ħajt.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi għaddew iktar minn għaxar snin u għalhekk għaddew iktar minn ħames snin u l-garanzija spiċċat u m'għadhiex tgħodd.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888